GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM
U ASSESSJAR

**ĊIRKULARI**

**Data:** 18 ta' Ġunju 2021 **Ref:** DLAP 184/2021

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** Francesco Debono – Uffiċjal Edukattiv, Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli

**Suġġett:** Sejħa għal illustraturi studenti

---

Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar qed jagħmel sejħa lill-istudenti sabiex joħolqu numru ta' illustrazzjonijiet li ser jakkumpanjaw għadd ta' stejjer li jiffurmaw parti minn pakkett ta' riżorsi għall-istudenti u l-edukaturi fl-iskejjel Primarji u Sekondarji.

Għaldaqstant, studenti fil-livell Primarju (bejn ir-Raba' u s-Sitt Sena) u dawk fil-livell Medju/Sekondarju, li jixtiequ jipparteċipaw f'din l-inizjattiva huma mħeġġa biex jimlew u jissottomettu l-formula tal-applikazzjoni skont it-tabella t'hawn taħt:

| Kategorija | Livell | Ħolqa tar-reġistrazzjoni |
|---|---|---|
| A | Studenti fil-livell Primarju<br>(bejn ir-4 u s-6 Sena) | https://forms.gle/CmK8LkSYKuDwijDZ6 |
| B | Studenti fil-livell Medju u Sekondarju<br>(bejn is-7 u l-11-il Sena) | https://forms.gle/BGXmmSc7ncz8dLhR7 |

Jeħtieġ ukoll li l-applikanti jaqraw il-linji gwida mehmużin ma' din iċ-ċirkulari. L-applikanti huma wkoll meħtieġa li juru l-ħiliet illustrattivi tagħhom billi jipprovdu illustrazzjoni oriġinali skont l-istorja kampjun mehmuża ma' din l-ittra.

**L-applikazzjoni trid tiġi sottomessa sa nhar il-Ġimgħa 23 ta' Lulju 2021.**

L-applikazzjonijiet ser jiġu evalwati minn Uffiċjali Edukattivi fi ħdan id-Direttorat. Minn din l-evalwazzjoni ser jintgħażlu żewġ studenti: wieħed/waħda mil-livell Primarju u ieħor/oħra mil-livell Medju/Sekondarju. Il-kwalità tax-xogħol u l-istil jiddetermina l-għażla finali.

L-artisti magħżula jiġu ggwidati sabiex joħolqu 12-il stampa kull wieħed, sal-Ġimgħa 17 ta' Settembru 2021. Fit-tmiem tal-proċess iż-żewġ artisti jingħataw premju ta' €300 kull wieħed, li jissarraf fi prodotti tal-arti minn stabbiliment lokali.

Mistoqsijiet dwar din l-inizjattiva jistgħu jiġu indirizzati lis-Sur Francesco Debono fuq fracesco.debono@ilearn.edu.mt.

Din l-inizjattiva hija parti mill-implimentazzjoni lokali tal-programm GENE (Global Education Network Europe).

Grazzi tal-kooperazzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**